MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħ'Attard

# ID-DISA' LEĠIŻLATURA

## Laqgħa Numru 4

25 ta' Settembru 2024

Il-Kunsilli Lokali Ħ'Attard iltaqa' fis-Sala tal-Kunsill li jinsab fl-indirizz 13/15, Triq Sant'Anna, Ħ'Attard, fis-5.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:
STEFAN CORDINA – Sindku
Alexander Louis Mangion – Viċi Sindku
Nicole Portelli - Kunsillier
Remigio Bartolo – Kunsillier
John P. Bonnici – Kunsillier
Paul Ciantar – Kunsillier
Ralph Cassar– Kunsillier
Martin Musumeci– Kunsillier

ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):
Helen Caruana – Kunsillier

ASSENTI

UFFIĊJAL PREŻENTI:
Marica Mifsud Mintoff - Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku, is-Sur Stefan Cordina ppresjieda l-laqgħa. Il-laqgħa bdiet fil-5.32pm. Kulħadd, minn dawk li kellhom ikunu preżenti fuq il-post fil-ħin. Is-Sur Cordina qal talba għar-ruħ l-Onorevoli Karl Gouder.

## 4.1 Qari tal-ittri ta’ apoloġiji

4.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li kellha l-apoloġija ta’ Dott. Helen Caruana.

## 4.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

4.2.1 Il-Minuti tal-laqgħa Nru. 3 ġew approvati.

## 4.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

4.3.1 *Impjegati tal-Info Centre u Impieg ta’ Handyman*

Is-Sur Cordina qal li kif diġà spjega l-aħħar darba kienet irriżenjat il-*full timer* miċ-Ċentru tal-Informazzjoni u li kellhom għalhekk talba pendenti mad-Dipartiment għal *full timer* u *part timer* għal wara nofsinhar. Rigward il-*full timer* kompla jgħid li irid jerġa' jintalab permess lid-dipartiment sabiex tiġi ngaġġata persuna oħra. Fir-rigward tal-*part timer* qal li saret interview lil dik il-persuna waħda li applikat u kienu preżenti hu u d-Dott. Caruana. Qal ukoll li jekk kulħadd jaqbel tiġi ngaġġata din il-persuna minħabba li bħalissa hemm ħafna problemi biex jinstabu persuni jaħdmu mal-Kunsilli Lokali. Il-maġġor parti tal-ħinijiet qed jiġu koperti mill-istaff tal-kunsill imma xorta hemm bżonn persuna bejn il-ħin ta’ 3 u 6 ta' filgħaxija. Kulħadd qabel.

Is-Sur Cordina ressaq ukoll talba fuq l-ingaġġ ta' handyman. Hu qal li fiż-żmien kien hemm ħaddiem ieħor li sfortunatament ħalliena sentejn ilu, John C. Vella u issa qed tinħass il-ħtieġa li tiġi ngaġġata persuna oħra. Kulħadd qabel.

4.3.2 *Infrastructure Malta – VJAL KULĦADD*

Is-Sur Cordina qal li kellu preżentazzjoni li damet kważi tliet sigħat fejn il-gvern se joħroġ kważi 10 miljuni sabiex jiġu sottomessi proġetti ta' natura kapitali. Se jkun hemm 6 ġimgħat ċans biex jiġu sottomessi proġetti bejn 68 kunsill lokali. Kompla jgħid li dan ifisser li kull kunsill se jieħu madwar €147,000. Biss, il-biża' tiegħu hi li jiġri bħalma ġara bil-proġett ta' Project Green fejn ittieħed ħafna ħin sabiex isiru l-pjanti ta' Pjazza Tumas Dingli biex imbagħad il-proġett m' għaddiex. Għaldaqstant kompla jgħid iħoss li għal din l-iskema għandu jiġi mitfuħ l-istess proġett ta' *upgrading* tal-pjazza sabiex jiggwadanjaw iktar ħin u li kull ma jkun hemm bżonn hu li jiġu aġġornati il-pjanti u l-*bill of quantities*.

Dott. Musumeci daħal f'dan il-mument 5:38pm.

Dott. Cassar u s-Sur Mangion qalu li forsi tista' ssir emfasi li dan il-proġett jinvolvi t-twessiegħ tal-pjazza u ż-żriegħ ta' aktar siġar. Is-Sur Cordina kompla jżid li l-parkeġġi mhux se jintilfu u ovvjament kif qalu l-oħrajn se jkun hemm iktar siġar. Kulħadd qabel.

4.3.3 **Attività Puttinu.**

Is-Sur Cordina qal li kif semma fil-laqgħa li għaddiet fil-11 t'Ottubru se ssir attività b'risq Puttinu li se jkollha madwar 300 ruħ. Hu qal li meta ġie avviċinat mill-każini kif ukoll il-parroċċa, ovvjament mingħajr ma kkommetta ruħu, peress li dak iż-żmien kien qed jitkellem abbażi ta' permessi qalilhom iva. Hu qal li bosta mill-affarijiet ġew iddubbati b'xejn għalhekk l-entrojtu se jmur kollu għal Puttinu.

4.3.4 **Line Dancing**

Is-Sur Cordina qal li rċieva imejl mingħand persuna li torganizza l-*line dancing*. Hu qal li s-sena l-oħra il-Kunsill kien taħ is-somma ta' €400 sabiex ikun jista' jagħmel il-kafè u joffri xi gallettini waqt l-attività tul il-perjodu xitwi. Hu qal li fl-opinjoni tiegħu l-komunità mhi qed tiggwadanja assolutament xejn. Hu qal li kien hemm każijiet fejn saru attivitajiet kummerċjali, il-Kunsill daħal u ġie issussidjat il-prezz. F'dan il-każ però il-qliegħ qed imur kollu għand il-persuna li qed torganizza u l-komunità mhix qed tgawdi minnha. Kompla jgħid li fl-opinjoni tiegħu attivitajiet bħal dawn m'għandhomx jiġu ssussidjati sakemm ma jiġix issussidjat il-prezz lil min jattendi.

Sur John Bonnici saqsa jekk in-nies humiex kollha minn Ħ'Attard. Is-Sur Cordina qal li dan irrelevanti, jibqa' l-fatt li ħadd mhu qed jiggwadanja xejn ħlief il-persuna li qed torganizzahom. Is-Sur Bartolo qal li hu jaħseb li għandha tinqata' linja u dawn il-flejjes jingħataw biss jekk ir-residenti ta' Ħ'Attard jiggwadanjaw minnhom. Dott. Musumeci qal ukoll li għandha ssir distinzjoni skont l-attività. Is-Sur Cordina qal ukoll li fil-passat kienu saru attivitajiet simili fejn il-Kunsill tissussidja parti mill-ammont li kull resident kien iħallas sabiex jattendi. F'dan il-każ però mhu qed jiġi sussidjat xejn. Kulħadd qabel li din l-ispiża m'għandhiex tibqa' tingħata.

4.3.5 **AC Group of Companies**

Is-Sur Cordina qal li kellu talba mingħand AC Group of companies sabiex issir laqgħa rigward l-iskola tal-lingwa li qed tiġi proposta fi Triq ir-Rużell. Hu qal li jekk kulħadd jaqbel din il-laqgħa ssir ġewwa ċ-Ċentru għall-Informazzjoni u jkun jista' jattendi kulħadd. Kulħadd qabel.

4.3.6 **Corinthia Attard**

Is-Sur Cordina qal li l-aħħar ħaġa li xtaq iwasslilhom hi li filgħodu irċieva messaġġ rigward *Corinthia Attard plans two storey expansion*. Hu qal li din ħarġet fuq il-midja filgħodu u fis-sitta irċieva link għalhekk ħass li għandu jressaqha. Kompla jgħid li meta kien hemm l-applikazzjoni għall-*guesthouse* il-Kunsill kien għamel oġġezzjoni u

għalhekk fl-opinjoni tiegħu għandha ssir oġġezzjoni l-istess bħalma sar fuq dan il-każ. Dott. Cassar qal li ovvjament qed isiru ħafna żviluppi ġewwa Ħ'Attard imma sfortunatament il-*local plans* tal-2014 jippermettu li jiżdiedu 2 sulari fuq il-livell eżistenti tal-lukandi. Is-Sur Cordina qal li l-iżvilupp qed jipproponi 40 kamra ġdida. Kulħadd qabel li ssir oġġezzjoni.

4.3.7 **Ufficċini**

Is-Sur Cordina qal li x-xaft lest u jinsab imkaħħal ukoll u l-lift jinsab Malta. Qal li hemm bżonn id-dawl *three phase* u se tingħata fergħa mill-klabb tal-futbol. Qal li l-*fire doors* huma lesti, il-pajpijiet tad-dawl tal-komun huma lesti, ġejjin il-bibien l-oħra u l-aluminju wkoll.

## 4.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

4.4.1 Alex Mangion

- Staqsa fiex wasal ix-xogħol ta' Triq Victor vassallo? Is-Sur Cordina qal li tlestiet l-aħħar kisja tarmak u li fadal biss il-marki tal-karreġġata u l-konok. Dott. Cassar qal li fil-fatt parti mis-siġar li xtraw huma għal ġol-konok fi Triq Victor Vassallo u li jinsabu fi Ġnien l-istazzjon.

4.4.2 Dr. Ralph Cassar

- Kif diġa qal fosthom inxtraw is-siġar fosthom bruka, ċawsli u bagular, li mhumiex kbar ħafna imma ovvjament jekk jieħdu ħsiebhom jikbru.
- Qal li nnota li hemm xi proġetti mdaħħlin ukoll fil-Business Plan u għalhekk xtaq iressaq proposta sabiex il-bankina fi Triq Santa Katerina u tinbidel fi Vjal. Hu qal li jifhem li hemm proġetti oħra li jieħdu ċertu prijorità imma għallinqas din ikun fil-kju. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li tista' tgħid il-Perit iħejji pjanti u fil-każ dan il-proġett jiġi sottomess taħt dak tal-Ministeru tax-Xogħlijiet Pubbliċi. Hu qal li jekk eżempju jdumu 10 snin għallinqas ikunu hemm u oħra biex isiru dawn it-tip ta' proġetti 'vjal' iridu jkunu toroq prinċipali biex għallinqas jikkalmaw it-traffiku.
- Triq Dun Gwann Theuma - qal li issa din l-area saret *slum*. Is-Sur Cordina qal li flok qagħdu jeskalawha kellmu lil din il-persuna li ilha titma' l-qtates dawn l-aħħar 16 sena u talbuha tnaddaf u torganizza l-affarijiet. Qal li jemmen li bil-kelma t-tajba jaslu u jekk hemm bżonn jixtru anki xi erba' *cat shelters* sabiex il-Kunsill ikun ta' għajnuna. Dott. Cassar qal ukoll li importanti li l-qtates ikunu *neutered*.

4.4.3 Remigio Bartolo

- Qal li Jum Ħ'Attard se jkun fis-26 ta' Marzu tas-sena d-dieħla u li kif jaf kulħadd kellhom problema wkoll bin-nominati. Is-Sur Cordina qal fit-22 mhux 26. Is-Sur Bartolo qal ukoll li kif jaf kulħadd il-kunsilliera ma setgħux jinnominaw

imma jaħseb li wasal il-waqt li din tinbidel u jkunu jistgħu jinnominaw sabiex ikollhom iktar nominati. Il-bord ovvjament ikun awtonomu u din is-sena ma jistax ikun fuqu Dott. Cassar minħabba li issa huwa kunsillier imma ovvjament il-membri jkunu awtonomi. Is-Sur Bonnici saqsa jekk jistgħux jiġu nominati l-istess persuni. Is-Sur Cordina qal li ovvjament dawk li ma ħadux il-ġieħ ikunu jistgħu jerġgħu jiġu nominati.

- Qal li fil-21 ta' Ottubru hemm viżita ta' kortesija għand il President ta' Malta u għaldaqstant kulħadd jista' jattendi. Is-Sur Cordina qal li ħa jkun imsiefer u għalhekk is-Sur Bartolo ppropona li d-data tinbidel.
- Semma wkoll is-sistema li se jintroduċi ta' Customer Care li se tibda fil-24 ta' Ottubru. Qal li tajjeb isir naqra *media publicity* sabiex jekk tirnexxi din tiġi organizzata darba kull ħmistax.
- Talab ukoll li għall-Milied jiġi organizzat kunċert fil-knisja. Is-Sur Cordina qal li kien qed jitkellem ma' band partikolari li għamlet kunċerti vera sbieħ fil-knejjes, f'Lulju, però kien għadu kmieni wisq u allura għandu jerġa' jkellimhom fil-ġranet li ġejjin.
- Semma wkoll il-boards li talab biex isirlu għaċ-Ċentru tal-Informazzjoni hu qal li għall-Milied jixtieq jorganizza esebizzjoni ta' ritratti bit-tema tal-Milied. Hu qal li l-aħjar issir xi ġimgħatejn qabel il-Milied sabiex ikun diġà kullimkien imżejjen. Sur Bonnici semma wkoll li tista' ssir il-Mixgħela fejn is-Sur Cordina kkonferma li din diġà ppjanata u hemm xi fondi mogħtija fuqha. Dott. Cassar semma wkoll ritratti li bihom kienet saret esebizzjoni fl-okkażjoni ta' VE Day li ħafna mir-ritratti huma mill-Imperial War Museum u jistgħu jintużaw biex terġa issir esebizzjoni fiċ-Ċentru għall-Informazzjoni. Dawn ir-ritratti kellhom ukoll kummentarju min-naħa tas-Sur Emanuel Mifsud. Kompla jgħid li iktar ma jkun hemm varjetà iktar aħjar anki tkun tista' tintuża aktar il-librerija. Is-Sur Bartolo qal kien qed jisma' fuq it-televixin fuq persuna li dak il-mument nesa ismu u li għandu ħafna affarijiet antiki ta' żmien il-gwerra. Dott. Cassar qal li fl-opinjoni tiegħu għandu jkun hemm tliet persuni li jkunu fuq dan il-bord u jieħdu ħsieb l-attivitajiet konnessi maċ-Ċentru tal-Informazzjoni. Jekk jista' jkun ikun hemm programm ta' sena sħiħa. Dott. Musumeci qal li eżempju darba kull xahrejn ikun hemm esebizzjoni jew xi ħaġa. Ippropona wkoll li la hawn dawn ir-ritratti forsi tista' ssir esebizzjoni permanenti eżempju inti u tiela' t-taraġ. Is-Sur Cordina qal li la qed jitkellmu fuq ritratti permanenti, ġie avviċinat minn xi ħadd li ħa jġiblu xi ritratti mill-arkivji nazzjonali fuq il-ferrovija. Qal li dawn jistgħu jsiru fuq roll up banners li faċilment jinbidlu. Dott. Cassar qal li fil-fatt għalhekk ppropona il-boards sabiex faċilment dawn jingħalqu. Is-Sur Bartolo qal li preferibbilment ikunu lesti sal-Milied. Is-sotto-kumitat se jkun kompost minn Dott. Cassar, Dott. Musumeci u s-Sur Bartolo u jekk isiru attivitajiet jew affarijiet oħra ikun jista' jingħata ċertifikat ta' parteċipazzjoni jew ktieb.
- Qal li ġie avvikċinat wara li tkellem mas-Sindku mis-Sur Ray Cuschieri minn Ħ'Attard li għandu villeġġjatura Pjazza Brembana fil-Lombardia. Hu qal li dan huwa post fejn għadhom kemm saru l-elezzjonijiet u li s-Sur Cuschieri ġie avviċinat mis-Sindku tal-lokalità l-ġdida sabiex jagħmel ġemellaġġ mal-lokalità ta' Ħ'Attard. Qal li dan hu post ħelu ta' mhux iktar minn 1200 ruħ u li tkellmu

miegħu hu u s-Segretarju Eżekuttiv. Sur Bartolo qal li tkellmu abbażi tal-ġemellaġġ li l-Kunsill kellu ma’ Elancourt fejn tidħol edukazzjoni, sport u kultura. Qal ukoll li mhux se jkollhom problema ta' spejjeż żejda minħabba li dan is-Sindku jekk jiġi, ħa jiġi ospitat għand is-Sur Cuschieri stess. L-ideja hi li forsi jagħmel jumejn waqt l-attivitajiet ta’ Jum Ħ'Attard u forsi jkun hemm involuta xi ċena waħda biss.

4.4.4 Sinjorina Nicole Portelli

- Talbet biex tiġi suġġerita data oħra għal clean-up li kellha titħassar minħabba x-xita.

Dott. Cassar saqsa wkoll minħabba li qabel nesa jekk tistax issir tinda fuq l-apparat tal-logħob tat-tfal fi Ġnien l-Istazzjon. Ħadd ma kellu oġġezzjoni.

## 4.5 Rapporti

4.5.1 Approvazzjoni ta’ Business Plan 2024-2028.

Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li dan il-Business Plan hu *projection* tal-baġit ta’ din is-sena sas-sena 2028. Hi qalet li hemm maħsub fih hu li jitnaqqsu l-ispejjeż imma bħalha attivitajiet ta’ kull sena jibqgħu isiru Jum Ħ’Attard, il-Mixegħla, il-Bazaar u xi kunċert l’hemm u l’hawn li ma jkunux jiswew ħafna flus jew ikunu *self-sustained.* Qalet li bhalha *ongoing matters* hemm il-*clean up campaigns* etc. imma li l-ħsieb priċipali warajh dan il-Business Plan hu li jkun hemm *cost effectiveness* fejn wieħed jista’ japplika taħt skemi differenti u jiġbor lura l-ispejjeż bħal *waste reduction week*. Iktar minn hekk hi qalet li kull inizjattiva li ssir għandha tolqot il-lat soċjali sabiex dawk il-proposti mressqa bħall-kors xjentifiku tal-biodiversita’ li propona li jsir Dott. Musumeci effettivament isir.

Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li bħala *ongoing projects* ma semmietx l-istazzjon minħabba li fl-opinjoni tagħha għandu jibqa' jintuża u għandu jiġu użat *to the full*. Dott. Musumeci semma l-fatt li l-post jista’ jinkera imma biex dan isir irid ikun hemm bye-law specifika u li jekk jinkera ma jinkerix għal *birthday parties* imma tipo għall-attivitajiet għal tfal bl-awtiżmu.

Qalet ukoll li l-Business Plan qed jaħseb li il-proġett tal-Palma li għandu jitlesta fis-sena 2025 u ħa jinkorpora fih *track* u apparat tat-tfal, dak tal-Fuklar li għandu jitlesta 2025 u 2026 funded minn Project Green, dak ta’ Vjal Kulhadd jekk dan il-proġett jgħaddi u dak ta’ Triq Santa Katerina jekk jgħaddi wkoll.

Is-Sur Bartolo qal li jistgħu jaqbdu lista ta’ nies ta’ artiġġjanat u jaraw jiġbrux xi fondi mill-inizjattivi li jsiru.

Kulħadd qabel mal-Business Plan hekk kif preparat u għalhekk dan ġie approvat.

## 4.6 *Items* oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa

4.6.1 ***Ġimgħa attivitajiet relatati mal-mobilità***

Dan l-item ma ġiex diskuss minħabba li ma kienx hemm żmien biżżejjed biex jiġu organizzati l-attivitajiet. Iż-żewġ items oħra ġew diskussi qabel. Kull ma ssemma minn Dott. Cassar hu li kieku għal taħt miżuri permanenti jaħsbu għal xi *bike repair station* li tkun bħal kaxxa żgħira li biha min tinqalalu ħsara jkun jista' jsewwi r-rota biha. Jekk jilħaqq jimla' l-applikazzjoni jissottomettuha sal-15 ta' Ottubru.

4.6.2 EWRW

Dott. Cassar fakkar fl-attività fl-24 ta' Novembru tal-EWRW li se ssir mill-10 ta' filgħodu sal-5 ta' filgħaxija, u li fiha se jkun hemm:

a) *Thrift Shop* u *Swap Shop,*
b) Read with me, jitqassmu kotba fuq tema ambjentali u ċerti kotba mbagħad jibqgħu il-Librerija
c) Stands għat-Tfal biex ipingu
d) *Bring your own cup*
*e)* Talks minn *Friends of the Earth*
f) Esebizzjoni

## 4.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti.

4.7.1 Proponent: Dr. Martin Musumeci Sekondant: Sur Alex Mangion

L-iskeda ġiet approvata.

## 4.8 Mozzjonijiet; u

4.8.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet.

## 4.9 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

4.9.1 Il-laqgħa ntemmet fis-6.29pm u ġiet aġġornata għat-30 ta' Ottubru 2024 fil-5.30pm

Konfermati illum, 30 ta' Ottubru 2024.

IFFIRMATA
Stefan Cordina
Sindku

IFFIRMATA
Marica Mifsud Mintoff
Segretarju Eżekuttiv